MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 54/2013

Appell Numru: 54/2013

Il-Pulizija

[Supretendent Carmelo Magri]

Vs

Maria Camilleri

*Omissis*

Illum, 10 ta' April, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata Maria Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 366971M flimkien ma *omissis* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli flimkien ma' *omissis* fit-12 t'Ottubru 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer heddidtu lil Cettina Kok bil-fomm li tikkagunawlha offizi gravi u tajtuha ordni jew kundizzjoni sabiex tizzewweg lil Abdalla El Ahmad detentur tal-karta tal-identita bin-numru 24243(A) bi ksur 249 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li testorcja flus jew xi haga ohra, jew taghmlu xi qliegh, bi vjolenza jew theddid giegheltu lill-istess Cettina Kok sabiex tizzewweg lill-istess Abdalla Al Ahmad, liema theddid wassalkom fi hsiebkom u dan bi ksur tal-artikolu 250 (1) (2) u 251 (1) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U finalment lil *omissis* waqhdu talli sar recidiv ai termini tal-Art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Jannar, 2013 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputata hatja u illiberatha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fil-11 ta' Frar, 2013 fejn talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar u tirrevoka d-digrieti taghha tat-23 ta' Gunju 2011 u tal-14 ta' Settembru 2001 kif ukoll thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddisponi minn dan il-kaz skont il-Ligi inkluz billi jekk hekk ikun jidhrilha, (biex ma jkunx pregudikat id-dritt tal-imputata appellata ghall-ezami doppju tal-kaz) prevja li tordna l-prosegwiment tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tibghat l-atti lura lill-dik l-istess Qorti sabiex tkompli tisma' l-provi tal-prosekuzzjoni, inkluz lix-xhud Cettina Kok u lix-xhud Keith Pace (wara li tkun giet deciza definittivament il-kawza tieghu minn din l-Onorabbli Qorti), u x-xhieda tad-difiza u wara dan sabiex dik l-istess Qorti tiddeciedi l-kaz skont il-haqq u skont il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellanti w cioe':-

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawa u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, inter alia ghaliex dik il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza taghha fin-nuqqas tax-xiehda ta' Cettina Kok u ta' Keith Pace f'kuntest fejn l-Uffijal Prosekutur ma rrinunzjax ghal dawn ix-xhieda li t-tnejn kienu indispensabbli ghall-kaz tal-Prosekuzzjoni; u anzi minkejja l-insistenza esplicita tal-Uffijal Prosekutur ghas-smiegh tax-xiehda taghha (u b'mod partikolari dik ta' Keith Pace), dik il-Qorti cahdet it-talba ghall-produzzjoni ta' din

ix-xhud indispensabbli wara li laqghet l-eccezzjoni tad-difiza dwar l-istess xhud kif riportat aktar il-fuq. B'hekk id-dritt tal-Pulizija li ggib prova indispensabbli biex issahhah l-akkuzi
taghha gie mittiefes u konsegwentement il-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif migjuba quddiemha u li fil-fatt wassalha ghall-helsien tal-imputata mill-akkuzi migjuba kontriha. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(vi)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qabel xejn jinghad bla tlaqlieq li huwa minnhu li dan il-kaz dam hafna sabiex jigi deciz. Izda dan id-dewmien ma kienx dovut esklussivament ghal-nuqqasijiet da parti tal-Prosekuzzjoni jew tal-Qorti. Anzi. Kif jirrizulta ben tajjeb mill-atti din il-kawa damet ukoll minhabba li l-imputata appellata naqset diversi drabi milli tidher ghas-seduta. Fil-fatt hi naqset milli tidher fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2005; 10 ta' Marzu 2005; 26 t' Ottubru 2006; 10 ta' Jannar 2007; 4 ta' Lulju 2007; 25 t'Ottubru 2007; 10 ta' Dicembru 2008; 9 ta' Frar 2009; 30 t'April 2009; 22 ta' Marzu 2010; 27 ta' Settembru 2010; 27 ta' Jannar 2011 u cioe kwai ghal nofs is-seduti li kienu appuntati fil-kaz taghha u dan minhabba diversi ragunijiet li mhux attribwibbli ghall-esponent jew ghall-Qorti izda li huma attribwibbli ghal ragunijiet imresqa mill-imputata appellata. B'hekk l-element tad-dewmien ma kellux jitqies bi preudizzju biss ghall-argument tal-Prosekuzzjoni.

Illi huwa veru li sa' mill-verbal tas-seduta datat 15 ta' Frar 2006 1-Uffija1 Prosekutur kien gia ddikjara li kien jehtieg differiment fit-tul biex jirrintraccja lil Cettina Kok. Huwa minnu li bejn 11-15 ta' Frar 2006 u t-23 ta' Gunju 2011 (id-data ta' meta dik il-Qorti ddikjarat il-provi tal-Prosekuzzjoni maghluqa) kienu ghaddew aktar minn hames snin u ghalhekk huwa ragjonevoli ghall-Qorti tal-Magistrati li tirrimarka li kien hemm zmien bizzejjed biex jigu prodotti l-provi f'dan il-kaz u dan ur riferibbilment ghal-Cettina Kok. Ghalkemm irid jinghad ukoll li l-fatt li Cettina Kok irrendiet ruhha irreperibbli l-anqas ma tahti ghalih il-prosekuzzjoni. Pero f'dak is-sens, il-Prosekuzzjoni setghet tigi kkritikata li kellha zmien bizzejjed biex tgaixxi bil-mezzi li ttiha l-Ligi. Izda mill-banda l-ohra l-esponent, bid-dovut rigward, ma jaqbilx mal-istess Qorti li fir-rigward tas-sitwazzjoni fattwali u legali ta' Keith Pace kellu jintuza l-istess keji u mezz. Keith Pace kien ko-imputat ma' Maria Camilleri u ghalhekk huwa ma setghax jiddeponi kontra ta' Maria Camilleri qabel ma l-kaz tieghu ikun gie deciz definittivament. U kien ghalhekk li a fol 88 l-Ufficjal Prosekutur kien informa lill-Qorti li Keith Pace kien appella u li l-appell tieghu kien ghadu pendenti. Naturalment dan id-dritt t'appell huwa dritt li l-Ligi taghti lil persuna akkuzata misjuba hatja u ghalhekk bid-dovut rigward l-ezercizzju ta' dan id-dritt ma ghandux ikun ta' preudizzju ghad-drittijiet tal-prosekuzzjoni li, fid-dawl tal-izvilupp legali mahluq mill-ammissjoni ta' Keith Pace, tkun tista tipproducih bhala xhud meta huwa jkun ammissibbli skont il-Ligi.

Dan qed jinghad ghaliex anke jekk fil-verita Keith Pace kien dispost li jixhed matul is-seduta ta' wara, (senjatament is-seduta tal-14 ta' Settembru 2011 cioe dik li tidher a fol 90), tali xiehda xorta wahda ma setghetx tigi akkolta mill-Qorti tal-Maistrati

stante li f'dak l-istadju l-appell ta' Keith Pace kien ghadu pendenti u l-kaz tieghu ma kienx konkluz b'mod definittiv.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' din it-talba ghal-produzzjoni ta' dan ix-xhud, il-Pulizija kienet fi-impossibilita legali li tressaq lil Keith Pace sabiex jixhed f'dak l-istadju kontra Maria Camilleri. F'dan is-sens, ghalhekk l-esponent umilment jidhirlu li bid-decizjoni tal-Qorti tal-Maistrati li (wara d-digriet taghha tat-23 ta' Gunju 2011) ma kellha ebda raguni ghaliex tilqa` dik it-talba u cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni, id-dritt tal-Prosekuzzjoni li tressaq xhud indispensabbli kien gie mittiefes. F'dak l-istadju il-Pulizija kellha interess li tressaq lil dak ix-xhud Keith Pace ghax fil-fehma taghha kien xhud indispensabbli. Jibqa` l-fatt pero li l-Pulizija ma setghetx ittelighu jixhed minhabba raunijiet ta' ammissibbilta ta' evidenza li kienu jmorru oltre s-setghat taghha u liema ragunijiet setghu jigu solvuti u risolti biss bid-dekors taz-zmien c cioe wara li l-appell tieghu ikun konkluz.

Ghalhekk dak ix-xhud kien u ghadu indispensabbli ghall-Prosekuzzjoni izda f'dak il mument ma setghax jigi ritenut legalment ammissibbli minhabba ragunijiet li kienu jmorru oltre dak li l-Prosekuzzjoni setghet taghmel f'dak l-istadju, minhabba ezercizzju ta' dritt t'appell tax-xhud misjub hati u kemm minhabba li tali appell jiehu iz-zmien tieghu biex jigi mismugh. Fl-umli fehma tal-esponent, dak li l-Qorti tal-Magistrati kellha taghmel biex issir gustizzja ma kulhadd kien li tiddifferixxi l-kawza sakemm l-appell ta' Keith Pace jigi konkluz u b'hekk ma jkun hemm ebda impediment legali biex dan ix-xhud indispensabbli ghall-Prosekuzzjoni ikun jista jitressaq. Dan peress li r-raguni ta' tali inammissibilita' tax-xhud Pace kienet biss kwistjoni temporanja u mhux raguni ta' natura intrinsika u permanenti li minnha tali xhud seta kien milqut.

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza l-Avukat Generali qieghed jappella minn zewg digrieti tal-Qorti tal-Magistrati fejn ordnat l-gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni u awtorizzat lid-Difiza sabiex tressaq il-provi taghha u ghad-decizjoni finali tal-ewwel Qorti meta illiberat lill-appellata fuq in-nuqqas ta' provi.

Irrizulta illi l-appellata flimkien ma' Keith Pace kienu mressaq il-Qorti talli kienu gieghlu lil Cettina Cock tizzewweg lil Abdalla El Ahmad kontra l-volontà taghha kif jidher fil-bidu ta' dan il-gudikat. Jidher illi kien hemm problema bix-xhieda ta' Cettina Cock peress illi din ma setghetx tigi rintraccata u kien hemm diversi verbali fejn il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti illi ma setghetx tintracca lil din il-persuna. Wara hafna differimenti, mhux kollha imputabbli ghall-Prosekuzzjoni, l-ewwel Qorti iddikjarat il-provi tal-Prosekuzzjoni maghluqa (verbal 24 ta' Frar 2011). Izda fl-

erbatax (14) ta' Settembru tal-elfejn u hdax (2011) il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti illi riedet ittella' lil Keith Pace li originarjament kien ko-imputat izda wara ammissjoni tieghu intalbet separazzjoni tal-gudizzju. Izda l-Qorti fuq oggezzjoni tad-Difiza cahdet it-talba u wara li d-Difiza iddikjarat illi ma kellhiex provi x'iggib, il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fejn illiberat lill-appellata.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tal-atti jidher car illi din il-kawza twalet mhux hazin kemm minhabba n-nuqqas ta' dehra ta' Cettina Cock kif ukoll minhabba minhabba nuqqas ta' dehra tal-istess appellata illi ghal xi raguni ma kinitx tidher il-Qorti u din il-Qorti tifhem l-esasperazzjoni li setghet hasset l-ewwel Qorti meta sabet ruhha f'sitwazzjoni ta' differimenti kontra differimenti u qatt ma jsir xejn. Kien dan illi forsi gieghel lill-Qorti tiddikjara x-xhieda tal-Prosekuzzjoni maghluqa minghajr l-aderzjoni tal-istess Prosekuzzjoni. Però l-Qorti ma messiex baqghet ghaddejja bil-provi tad-Difiza meta fl-erbatax (14) ta' Settembru tal-elfejn u hdax (2011) il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi kellha xhud indispensabbli fil-persuna ta' Keith Pace, li però ma setax jixhed f'dan l-istadju minhabba li kien appella mis-sentenza tieghu, liema appell kien ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Fuq dan, il-Prosekuzzjoni ma setghet taghmel xejn peress li ma kienx jiddependi minnha illi l-appell ta' Keith Pace kien baqa' pendenti. B'hekk il-kaz tal-Prosekuzzjoni gie pregudikat b'mod irrimedjabbli fejn xhud indispensabbli ghat-tezi taghha ma thalliex jixhed minn l-istess decizjoni tal-Qorti.

F'kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju 1995 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Louis Farrugia, il-Qorti qalet, "Filwaqt li din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-Qorti inferjuri tista' xi minn daqqiet tinsab fiha, cioé li ma tkunx tista' tipprocedi biex tisma' kawza ghax xhud jew xhieda ma jidhirx jew ma jidhrux, dan ma jiggustifikax lil dik il-Qorti li tippriva lill-Prosekuzzjoni minn prova indispensabbli u taqbad u tghaddi ghas-sentenza ... Dan naturalment jghodd ukoll ghal meta jkun hemm oppozizzjoni da parti tad-Difiza ghal tali differiment jew, altrimenti, meta d-Difiza tinsisti li s-sentenza tinghata f'dik is-seduta u salv dejjem li x-xhud inkwistjoni jkun wiehed indispensabbli ghall-kaz tal-Prosekuzzjoni jew tal-kwerelant."

Ma hemmx dubbju illi Keith Pace huwa xhud indispensabbli ghall-Prosekuzzjoni aktar u aktar fin-nuqqas ta' Cettina Cock. Dan kien jintitola lill-Prosekuzzjoni sabiex tibqa' titlob differimenti sakemm Ketih Pace jkun f'pozizzjoni legali illi jixhed. Fid-data illi nghatat s-sentenza u cioé fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tal-elfejn u tlettax (2013) Keith Pace ma kienx ghadu f'pozizzjoni illi jixhed u ghalhekk b'din id-decizjoni l-kaz tal-Prosekuzzjoni gie kompromess b'mod serju.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-appell illi l-Avukat Generali ghandu ragun u l-appell tieghu jisthoqq li jkun milhuq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi thassar u tirrevoka d-digrieti tal-ewwel Qorti tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tal-elfejn u hdax (2011) u tal-erbatax (14) ta' Settembru elfejn u hdax (2011), kif ukoll thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u sabiex ma jigix ippregudikat id-dritt tal-appellata ghal doppju ezami tordna l-prosegwiment tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati u tibghat l-atti lura lil dik l-istess Qorti sabiex tkompli tisma' l-provi tal-Prosekuzzjoni, inkluz ix-xhud Cettina Cock jekk dina tigi rintraccata, u lix-xhud Keith Pace wara li tkun giet deciza definittivament il-kawza tieghu mill-Qorti tal-Appell u wara, tisma x-xhieda tad-Difiza jekk ikun il-kaz.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------